**17 ta' Jannar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Bellizzi, Paul Cremona u Joseph Armeni

**Approprjazzjoni Indebita – Differenza mil-Liġi Taljana**

*Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodiċi Kriminali Taljan.*

*Fil-liġi tagħna anki min jagħmel użu mill-oġġetti fdati lilu diversi mill-użu speċifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oġġett u dan l-użu divers jagħmlu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor, ikun ħati ta' dan ir-reat.*

Il-Qorti: -

Is-sentenza li minnha hemm l-appell preżenti u li ġiet mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati l-Pulizija Ġudizzjarja fil-21 ta' Jannar, 1988 taqra hekk:

*Omissis;*

"Il-kwadru tal-fatti li ddelinea ruħu mill-kumpless tal-provi akkwiżiti huwa s-segwenti: l-imputati George Bellizzi u Paul Cremona, żewġ impjegati mal-Gvern fil-*Public Works Department* bħala *'heavy plant drivers'*, meta kienu qegħdin jaħdmu fit-territorju magħruf bħala taż-Żokrija fil-Mosta, ftehmu ma' ċertu Joseph Armeni li jħammlulu l-*plot* tiegħu f'dawk l-inħawu versu l-press ta' Lm70. Waqt li Paul Cremona kien qed iħammel din il-*plot*, bil-*bulldozer* proprjetà tal-Gvern, ġie sorpiż mis-superjur tiegħu. Għalhekk ix-xogħol fil-*plot* ta' Joseph Armeni ma ġiex kompletat, u l-prezz miftiehem ma ġiex versat;

Dawn huma l-istruttura tal-fatti li minnhom oriġina l-proċess odjern, u li l-Qorti f'dan l-istadju ser tikkonsidera u tivvaluta fid-dawl tal-kunċett ġuridiku ta' l-Indebita Approprjazzjoni. L-artikoli tal-Liġi, preċitati jiddisponu li dan ir-reat jiġi kommess minn min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkonsenjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

In-nozjoni ġuridika ta' l-approprjazzjoni indebita kontemplata fil-Kodiċi Kriminali lokali hija bażikament simili għal kunċett kif definit u espress fil-Kodiċi Penali Taljan u preċiżament fl-artikolu 646 ta' dak il-Kodiċi;

L-aspett materjali tar-reat *in parola* jikkonfigura bl-'approprijament' ta' l-oġġett passiv tar-reat; u ċjoè meta l-aġent *"si comporta verso la cosa* ***come se fosse propria,*** *e cioè assumersi arbitrariamente, arrogarsi poteri del propietario" (Antolisei).* Dan ifisser illi biex jiġi sodisfatt l-*Actus Reus* irid jiġi ppruvat li l-imputati riedu jeżerċitaw fuq l-oġġett drittijiet appartenenti lill-proprjetarju *"alienandola, donandola, rifiutandosi di restituirla, nascondendola ecc."* jgħid validament l-awtur Taljan Luigi Delpino in materja:

***"La giurisprudenza (Italiana) ritiene che un uso più ampio della cosa rispetto al consentito non sia di per sè sufficiente ad integrare l'elemento materiale del reato.*** *Nello stesso senso, in dottrina è Pedrazzi, secondo il quale uso indebito della cosa da parte del possessore oltre i limiti contenuto nel titolo che legittima il possesso stesso, se è contenuto in un abuso di possesso non accompagnato però dall'intenzione di appropriarsi della cosa, non integra gli estremi del reato". (Diritto Penale – Parte Speciale Pagina 576 – Luigi Delpino – 1986);.*

Dan ifisser illi għandha ssir distinzjoni bejn meta bl-użu tal-ħaġa, l-aġent jagħmilha tiegħu ossia jeżerċita drittijiet ta' Proprjetarju fuqha u l-każ fejn huwa sempliċement jabbuża mill-pussess tal-ħaġa. Fl-ewwel lok jikkonfigura l-approprjament kontemplat mil-liġi bħala rekwiżit tar-reat ta' approprijazzjoni indebita, mentri fit-tieni lok hemm biss ***'un momentaneo uso arbitrario della cosa'*** li mhux suffiċjenti biex jintegra l-aspett materjali tar-reat;

Dawn il-premessi legali jidhru li huma konformi mas-sistema penali lokali *'in subjecta materia'* u l-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-fatti emersi fil-każ odjern, fid-dawl

tas-suespost;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi ma ssibx lill-imputati ħatja ta' l-akkużi dedotti kontra tagħhom u tilliberahom minnhom'';

Rat is-sentenza tagħha preliminari tat-28 ta' Lulju, 1988 li biha ċaħdet eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali sollevata mill-appellati Bellizzi u Cremona;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok issib lill-akkużati appellati ħatja tar-reati addebitati lilhom u tgħaddi biex tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali appellant huwa fis-sens li awturi Taljani ċitati mill-Ewwel Onorabbli Qorti li jikkummentaw fuq l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali Taljan ma jagħmlux għal-liġi tagħna. Di fatti l-artikolu 646 imsemmi jgħid *''Chiunque, per procurare a sè o ad altri un ingiusto profitto, **si appropria il denaro o le cose mobili altrui** di cui abbia, a qualsiasi titolo, il possesso, è punito.....''* L-artikolu rilevanti tal-kodiċi Kriminali tagħna, ċjoè, l-artikolu 293 jgħid ''kull minn japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew

għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew kkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa **jew li jsir użu minnha speċifikat**, jeħel ..." Minn dan jidher ċar li skond il-liġi tagħna hu ħati ta' approprijazzjoni indebita anki min jagħmel użu mill-oġġetti fdati lilu divers mill-użu speċifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oġġett u dan l-użu divers jagħmlu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor;

Inoltre jissottometti l-Avukat Ġenerali appellant fir-rigward ta' l-imputat Bellizzi l-ewwel Onorabbli Qorti evidentement naqset milli tikkunsidra r-reat ta' kompliċità li *inter alia* jissusisti wkoll meta persuna xjentement tassisti lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie **ppreparat** jew ikkunsmat jew tkun xewxet lil ħaddieħor jew saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt;

Din *il-Qorti m'għandhiex* dubju li l-appell ta' l-Avukat Ġenerali huwa fondat legalment peress li d-disposizzjoni nostrana fuq l-approprijazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinstab fil-Kodiċi Kriminali Taljan u l-interpretazzjoni korretta hija dik kif mogħtija mill-appellant u spjegata aktar 'il fuq peress li skond il-liġi tagħna s-sempliċi użu divers ta' l-oġġett minn dak speiċifikat *per fine di lucro* huwa suffiċjenti biex jissussisti dan ir-reat;

Ikkunsidrat:

Illi anki mill-provi biss li jinsabu elenkati fis-sentenza appellata huwa suffiċjenti biex din il-Qorti ssib ħtija fil-konfront ta' Paul Cremona ta' approprjazzjoni indebita;

Kwantu għall-akkużat Bellizzi, ma jirriżultax li laħaq

għamel ix-xogħol miftiehem ma' Armeni iżda mill-istqarrija tiegħu stess (Dok. I a fol. 21) tirriżulta l-kompliċità fid-delitt li tiegħu Cremona huwa l-awtur;

L-appell ta' l-Avukat Ġenerali għalhekk ser jiġi akkolt. Kwnatu għall-piena din il-Qorti tara li hu l-każ tal-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-akkużati Bellizi u Cremona ħatja ta' l-akkużi miġjuba kontrihom u flok tikkundannahom tilliberahom taħt il-provvediment ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien sena millum.